MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2006

Numru. 83/1999
Kawza Numru. 112

**Il-Pulizija**

**(Spettur Martin Sammut)**

**vs**

**Joseph Debono**

**Illum 25 ta' Jannar 2006**

Il-Qorti;

Rat l-akkuza migjuba kontra Joseph Debono, karta tal-identita' numru 28870 (G):

Akkuzat talli matul is-sena 1996 u diversi snin qabel, b'diversi atti, maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-

istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, f'diversi bnadi fil-gzira ta' Ghawdex:

B'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamilt uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdejt b'qerq iehor, ingann, jew billi wrejt haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, jew b'qerq iehor, ghamilt qliegh ta' aktar minn Lm20,000 ghad-dannu tal-Korporazzjoni u/ jew is-Socjeta' Enemalta, u bosta persuni ohra, u dan bi ksur ta' l-artikoli 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi, sabiex tikseb xi vantagg ghalik jew ghall haddiehor, f'xi dokument jew dokumenti mahsuba ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamilt dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew tajt tgharif falz, u dan bi ksur ta' l-artikolu 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet il-provi;

Rat l-atti tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat tressaq quddiem din il-Qorti sabiex iwiegeb ghall-akkuzi kif dedotti kontra tieghu fuq talba tal-Korporazzjoni Enemalta wara li kien allegat illi l-imputat thallas ghal-xoghol ta' trinek f'Ghawdex bejn l-1993 u 1996 f'ammonti akbar minn dak dovut peress illi uza materjal mhux skond kif miftiehem. Il-Korporazzjoni allegat illi it-trinek ordnati minnha kellhom jimtlew b'concrete jew tahlita "lean mix" skond il-kaz, izda minn investigazzjoni li ghamlet irrizulta li kienu imtlew bir-ramel jew terrapien iehor.

Fuq tal-talba tal-Korporazzjoni EneMalta permezz ta' ittra bid data tal-14 t'Awissu 1997, Dok MS10 il-Pulizija kienet mitluba tinvesitga numru ta' xogholijiet ta' trinek minn

kuntratturi fuq inkarigu tal-istess korporazzjoni. L-istess ittra tallega illi x-xogholijiet ma sarux skond il-kondizzjonijiet tal-kuntratt u ghalhekk thallsu flus ghal-xoghol u materjal li ma kienx minnu.

L-Ispettur Martin Sammut mexxa l-prosekuzzjoni u xehed illi l-audit section tal-Korporazzjoni EneMalta kienu tawh diversi dokumenti biex juru illi s-scojeta’ Pawlu Debono & Sons Limited kienet uzat terrapien jew ramel normali minflok materjal “lean mix” jew concrete biex jimtlew trinek wara li tqieghdu xi cables. Huwa spjega illi dak iz-zmien kien suspettat li kien hemm xi hadd minn gewwa l-EneMalta li kien qed jikkonkoffa mal-kuntrattur. Meta kellem lill-ufficcjali tal-Enemalta f’Ghawdex, dawn infurmaw lill-ispettur illi kien deherilhom illi x-xoghol kien isir b’mod normali u qatt ma ssuspettaw hazin. Fl-investigazzjoni tieghu l-ispettur Sammut kien acceda Ghawdex u talab lill-imputat sabiex ihaffer hofra fi Triq 28 ta’ April, il-Qala, sabiex jigbor xi materjal minn hemm u f’dik it-triq thaffru diversi hofor. Minn hofra quddiem il-Knisja kien tela’ materjal abjad qisu ramel u minn hofra ohra kien tela’ terrapien komuni jixbah il-hamrija. Saru ukoll xi hofor fi bnadi ohra fejn supppost li t-trinek kienu intradmu bil-concrete izda kien irrizulta materjal abjad. Il-prosekuzzjoni esebiet hames kampjuni ta’ materjal li elevat minn hames bnadi biex turi li dak ma kienx lean mix jew concrete.

Il-prosekuzzjoni esebiet zewg starrijiet Dok MS6 u MS7 li tghid li huma tal-imputat izda peress illi dawn mhumhiex iffirmati minnu, din il-Qorti mhix ser tehli zmien fuqhom u tghazel li ma taghmel l-ebda riferenza ghalihom.

Rapprezentat mid-dipartiment tal-finanzi tal-korporazzjoni EneMalta ipprezenta dokumenti biex juri li mill-1994 sal-1996 l-korporazzjoni kienet hallset lis-socjeta’ Pawlu Debono & Sons s-somma ta’ mitejn u hamsin elf lira Malta ta’ diversi xogholijiet. Dan ix-xhud qal li xoghol il-kuntrattur generalment ikun jikkonsisti f’ *excavation of trench, laying of cable, provision of slabs, clearing and*

*disposing of material u resurfacing road with asphalt*.[1] Dan ix-xhud ma kellu ebda hjiel tax-xoghol li kellu jsir u ma setax jirrelata dawn id-dokumenti ta' hlas mat-tender document ghaliex ma kienx jaf x'fih it-tender document ghall-kull hlas li sar. Minkejja li ikkonferma li x-xoghol sar minn Pawlu Debono & Sons Ltd, ma kienx jaf min iffirma il-kuntratt relattiv u li l-invoices huma iffirmati min PP Debono kif ukoll li l-hlas kien isir lill-Pawlu Debono & Sons Ltd. Dan ix-xhud ikkonferma illi l-pagament ikun sar wara li x-xoghol ikun certifikat minn technical officer, mill-inginier u mill-assistant manager.

Ix-xhud Gorg Briffa, technical officer tal-EneMalta xehed illi huwa spezzjona is-siti kollha fejn hadmet il-kumpanija Pawlu Debono & Sons u elenka in-nuqqasijiet li sab fosthom il-qisien tat-trinek, n-nuqqas ta' lean mix u nuqqas ta' concrete fejn kellu jintuza. Minkejja dan, meta mistoqsi jekk kienx hemm specifikat fejn kellu jintuza l-lean mix fil-kuntratt, dan ix-xhud qal li dan ma kienx imnizzel fil-kuntratt ghaliex kien sar xi ftehim verbali.[2] Il-perit konsulent tal-Enemalta imbaghad jghid illi imkien ma hemm specifikat x'inhu lean mix fir-relazzjoni bejn l-Enemalta u l-kuntratturi taghha. Huwa interessanti ferm ir-ragunar ta' dan ix-xhud meta jghid illi l-imputat thallas a bazi ta' certifikazzjoni tal-inginier u t-technical officer tal-Enemalta li da parti taghhom fehmu hazin ir-regoli u l-kundizzjonijiet tal-kuntratt – dak li fir-rapport tal-awdituri jissejjah "misinterpretation of the clauses  of the contract" [mit-teknici tal-Enemalta].

L-espert nominat mill-Qorti, accountant bi professjoni, biex jezamina l-volum ta' dokumenti esebiti mill-prosekuzzjoni rrelata b'certa rizerva fis-sens illi mill-bidu huwa ddikjara illi mkien fid-dokumenti ma sab kopja tal-kuntratt li jirregola r-relazzjoni bejn l-EneMalta u l-kumpanija Pawlu Debono & Sons Ltd izda li l-kuntratt li jinsab in atti ghandu mnizzel fuqu "contract is similar to Gozo contractor, rates are the same". Din hija mankanza serja fil-provi tal-prosekuzzjoni ghaliex b'hekk jirrizulta illi ma hemmx il-

[1] Ara deposizzjoni ta' Stephen Caruana a fol 52
[2] Ara deposizzjoni ta' Gorg Briffa a fol 442.

prova mehtiega li turi li l-kumpanija Pawlu Debono & Sons Ltd kellha taghmel dak ix-xoghol mertu tal-akkuza. In effetti, apparti l-aseptt ta' kontegg li dahal fih l-espert nominat, dan tal-ahhar afferma in-nuqqasijiet tal-korporazzjoni Enemalta meta si tratta ta' awtorizazzjoni tal-pagamenti mitluba mis-socjeta'.

**L-elementi tar-reat**:

Illi skond l-insenjament tal-Qrati taghna "l-elementi essenzjali ta' dan ir-reat huma att li bih tintwera haga b'ohra, maghmul bi skop li jgieghel titwemmen l-ezistenza ta' krediti immaginarji, u li permezz tieghu l-agent jaghmel qliegh bi hsara ta' haddiehor. Dan l-att imsemmi huwa l-messa in xena. Carrara jiddefinih bhala "il fine immediate dell'agente ad indurre altri a spogliarsi di una proprieta' Il-risultato l-evento noel quale consiste la consumazione del malefizio e' la consegna della cosa ottenutasi merce' la frode del proprietario ingannato" Ara App. Kriminali Pulizija vs Alfred Custo 10.7.1998. Ara ukoll l-Appell Kriminali Il-Pulizija vs Charles Zarb 22.2.1993

Illi fuq dan l-element wahdu il-kaz kontra l-imputat jista' jkun determinat peress illi l-Qorti hija konvinta illli l-imputat bhala impjegat ta' Pawlu Debono & Sons Ltd radam t-trinek bit-tahlita li deherlu li kienet il-wahda it-tajba quddiem l-ufficcjali tal-EneMalta li kienu huma jordnawlu t-tahlita de quo u dan fid-dawl tax-xemx fil-presenza tal-ufficjali tal-Enemalta. Di piu, il-kontijiet ghaddew minn that tlett dirigenti li lkoll ccertifikaw li x-xoghol sar kif ordnat. Pero', u kif ser jirrizulta aktar 'l isfel, l-akbar nuqqas kif ravvizat f'dan l-element huwa li l-imputat inniffsu ma jinkwadra bl-ebda mod.

Illi kif tajjeb rrilevat id-difiza, l-imputat imkien ma jidher li ghandu xi relazzjoni kontrattwali mal-Kroporazzjoni EneMalta u l-uniku involviment tieghu f'din l-istorja kollha hija li hu kien ikun fuq il-lant tax-xoghol. La kien u lanqas hu azzjonist tal-Kumpanija, La kien direttur izda biss impjegat li kien jiehu hsieb ix-xoghol tat-trinek. Huwa qatt ma baghat kontijiet lill-EneMalta u wisq anqas ircieva hlas

mill-istess ghaliex il-hlas kien isir lis-socjeta’ Pawlu Debono & sons Ltd.

Ghalhekk, mill-ezami tal-provi il-Qorti hija tal-fehma illi l-imputat ma ghandu l-ebda konessjoni bejn l-allegat agir frawdolenti u s-socjeta’ EneMalta. Hija l-fehma ta’ din il-Qorti ukoll illi l-allegat agir huwa mertu ta’ kwistjoni civili u mhux wiehed kriminali stante illi l-istess ufficcjali tal-korporazzjoni EneMalta iffirmaw id-diversi rikjesti ghal-hlas tas-socjeta’ Pawlu Debono & Sons Ltd ghalhiex deherilhom illi x-xoghol kien sar kif suppost.

Ghal dawn il-mottivi ma ssibx lil-imputat hati u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------